**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 325/18 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettiet :

1. Illi il-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) t'April tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieldu tliett itfal;

2. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta'

Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Prim'Awla) datat il-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017);

3. Illi l-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin *defacto* separati;

4. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u tnax (2012) ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni ( klawsola 5) l-partijiet iddekadew definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin;

6. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni ( klawsola 22) kull parti hija responsabbli ghall-manteniment tal-minuri li qieghed jirrisjedi maghha u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2018;

Rat illi l-intimat, fuq domanda tal-Qorti, wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Mejju, 2017 u ilhom de facto separati sa mis-sena elfejn u tnax (2012);

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur